KUNSILL LOKALI

KALKARA

LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 7/25**

20 ta' Mejju 2025

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru,1897 fl-4 ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

Wayne Aquilina - Sindku
Speranza Chircop - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsillier
Vincent Bongailas - Kunsillier
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Etienne Scicluna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

**7.25.1** **Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

7.25.1.1 Ma kienx hemm.

**7.25.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

7.25.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 5.25 u 6.25 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

7.25.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni mis-Sa Christopher Bruno u sekondati mis-Sa Speranza Chircop l-minuti ta' seduta 5.25 u 6.25 ġew approvati unanimament.

7.25.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

**7.25.3** **Punti mill-Minuti Preċedenti**

2.25.7.3 **Roundabout qabel it-Telgħa tal-Esplora**

Is-Sindku kellu l-laqgħa x-Xatt tal-Kalkara mal-GHRC fejn ġie diskuss u maqbul il-post fejn kienu ser jitwaħħlu t-*traffic calmers* u li dawn sussegwentament twaħħlu. Is-Sindku ikkonferma li l-ispejjeż tat-*traffic calmers* kif ukoll l-instalazzjoni tagħhom ġew koperti mil-GHRC.

Filfrattemp qegħda ssir pressjoni mal-GHRC dwar ir-roundabout qabel it-telgħa tal-Esplora biex tiġi elevata u tinbena l-parti tan-nofs tagħha ħalli tiġi aktar sikura. Ix-xogħolijiet jinkludu wkoll il-bini ta' żewġ central strips in konnessjoni ma' l-istess roundabout. Il-GHRC infurmat li qed issib diffikulta` sabiex isib kuntrattur li jissottometti l-offerta tiegħu. Għalhekk, il-Kunsill ħa l-iżbrigu u qed jiġbor il-kwotazzjonijiet huwa.

Is-Sa Sultana staqsiet għalfejn it-traffic calmers saru tul il-wisa tat-triq kollha. Is-Sindku spjega li dan sar sabiex ix-xufier ma jaqbiżx il-karreġġata l-oħra sabiex jevita it-traffic calmer.

6.24.5.1 **Ġnien is-Salvatur**

Fil-laqgħa t'April 2025, kien ġie deċiż li jinbidlu l-fanali ta' Ġnien is-Salvatur. Il-fanali nxtraw u ser jiġu nsallati fil-ġimgħat li ġejjin wara li tkun ġiet iċċekjata s-sistema tad-dawl tagħhom.

**7.25.4** **Kommunikazzjoni mis-Sindku**

7.25.1 **Serviżż ta' Ġbir minn Door-to-Door għall-Kontenituri Aċċettati mill-Magni tal-BCRS**

Is-Sindku attenda għal-laqgħa mal-Onor. Glenn Bedingfield u d-Direttur Ġenerali, is-Sur Ramon Deguara ta' Clean Malta flimkien ma' erba' Sindki oħra li huma tal-Birgu, tal-Marsa, ta' Ħal Luqa, u tal-Gudja). Matul il-laqgħa, is-Sindki ġew infurmati li Clean Malta ser tibda proġett pilota, fejn b'arranġament ta' kull ġimgħa jiġu provdut servizz ta' *door-to-door* billi jinġabru l-kontenituri li jistgħu jiġu ddepożitati fil-magni tal-BCRS. Dan is-servizz ser ikun qed jiġi provdut lill-persuni `l fuq minn 60. L-anzjani li jibbenefikaw minn dan is-servizz mhux ser ikollom bżonn jiskomodaw ruħhom għaliex ser ikun hemm vettura appożita li ser tiġbor il-kontenituri minn quddiem id-dar tal-persuna nteressata. Is-Sindku ser ikun qed jipprovdi lista ta' għoxrin persuni lil Clean Malta biex jibbenefikaw minn dan is-servizz.

Wara li sssir analiżi ta' dan il-proġett pilota, is-servizz ser jiġi estiż fi sbatax -il lokalita` oħra nkluż il-Kalkara. Ir-residenti ser jiġu provduti numru telefoniku minn Clean Malta sabiex jibbukjaw is-servizz dirett magħhom.

Is-Sindku issugerixxa li wara li tiġi eżawrita l-iskeda tal-ġbir tal-kontenituri, il-vettura għandha tiġi stazzjonata f'post partikolari biex tkompli sservi lir-residenti tul il-ġurnata kollha. Is-Sindku huwa konxju wkoll li għal bidu ser ikun hemm xi ftit ta' diffikultajiet sakemm is-servizz jitjieb u jkun wieħed ta' suċċess.

7.25.4.2 **Konferenza tal-Aħbarijiet Imnedija għas-Service Pillars fiż-Żona tax-Xewkija**

Is-Sindku attenda konferenza tal-aħbarijiet fejn ġew inawgurati sitt *service pillar* li ġew installati fiż-żona tax-Xewkija, il-Kalkara. Dan is-service pillars ser ikunu ta' użu kbir għas-sidien tad-dgħajjes li jinsabu f'din iż-żona.

7.25.4.3 **Xogħolijiet fl-Akkwati taċ-Ċimiterju ta' Wied Għammieq**

Is-Sindku informa illi wara ħafna pressjoni mal-entitajiet kkonċernati, dwar is-sitwazzjoni fl-akkwati taċ-ċimiterju ta' Wied Għammieq, inbdew x-xogħolijiet sabiex jgħaddu d-dawl tat-triq peress li f'din il-parti tat-triq qatt ma kien hemm dawl fiha.

7.25.4.4 **Bajja ta' Rinella**

Kull sena matul ix-xahar ta' Mejju, il-ħaddiema tal-Kunsill jagħmlu xogħol ta' mauntenzzjoni bażika fil-bajja ta' Rinella. Kif jidher biċ-ċar, din is-sena, il-Kunsill għamel aktar xogħolijiet mis-snin preċedenti, partikolarment il-parti ta' Fort Ricasoli. Ix-xogħolijiet kien jikkonsisti tiswijiet fit-taraġ u rampa.

Is-Sindku għamel referenza għall-korrispondenza li l-Kunsill kien irċieva matul is-sena 2023, fejn il-Kummissjoni Għall-Persuni b'Disabilita' talab sabiex il-bajja tar-Rinella tkun aktar aċċessibli. Għalhekk, il-Kunsill żied ukoll parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' inkluż tiswijet u twaħħlu ħadid (*railing*) qabel it-taraġ biex tkun aktar aċċessibli għan-nies u jiġi evitat li jipparkjaw il-karozzi quddiem l-aċċess għall-baħar. Ġie installat ukoll *doggy bin* u saret manutenzzjoni fuq il-bankini u nżebgħu l-ħadid (railing) ta'

madwar il-Bajja. Flimkien ma' dawn ix-xogħolijiet, llum sar eżerċizzju ma' Clean Malta sabiex jitneħħa l-ġebel kbir fil-bajja.

Bħal kull sena, ser jerġgħu jitqiegħdu il-barrieri tal-konkos fuq il-parti tax-xelluġ tar-Rinella sabiex il-vetturi ma jibqgħux deħlin fuq il-konkos fejn ikunu hemm in-nies.

Is-Sindku flimkien mal-Kunsillieri rringrazzjaw il-ħaddiema tal-Kunsill għax-xogħol li jagħmlu.

Is-Sa Sultana semmiet jekk jistax jitneħħa l-ġebla kbira li tinsab inti u nieżel għall-bajja.

7.25.4.5 **Kwistjoni tal-Ħaddiema tal-Kunsill**

Il-Kunsill iddiskuta żewġ kwistjonijiet li nqalgħu; waħda bejn żewġ ħaddiema w oħra bejn il-Viċi Sindku u ħaddiem. Il-Kunsill jiddeplora l-għaġir tal-ħaddiem fil-konfront tal-Viċi Sindku.

Fid-dawl ta' dan, is-Segretarju Eżekuttiv ipprepara r-rapporti tal-akkadut fejn ġew diskussi waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

Fl-ewwel inċidenti li fih kien hemm involuta l-Viċi Sindku, il-ħaddiem kkonċernat ammetta li kien irribjat tant li s-sitwazzjoni skalat. Wara li diskuss ir-rapport, is-Sa Chircop talbet li l-ħaddiem ikkonċernat jitlob apoloġija.

Dwar it-tieni, inċident bejn iż-żewġ ħaddiema, il-Kunsill qara u ddiskuta r-rapport.

Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill unanimament qabel li dawn iż-żewġ rapporti għandhom jiġu mgħoddija u moqrija mill-persuni kkonċernati iżda f'dan l-istadju mhux ser jinħareġ ebda dixxiplina fil-konfront tagħhom.

## 7.25.5 <u>Korrispondenza</u>

7.25.5.1 **Talba għall-Parkeġġ Riservat għal-Lotto Office**

Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva korrispondenza mingħand is-sid tal-Lotto Office li għadu kemm fetaħ f'Misraħ Arċisqof Gonzi fejn ġie mitlub parkeġġ reservat quddiem dan il-Lotto Office, mit-Tnejn sal-Ħadd bejn 7am sal-11pm. Skont il-liġi, kull Lotto Office huwa ntitolat jitlob parkeġġ riservat.

Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u kien preokkupat li fil-Misraħ ser jintilef parkeġġ ieħor għar-resident imma fl-istess waqt idejn il-Kunsill huwa marbutin minħabba l-liġi li hemm in vogore. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi osservat il-ħinijiet tal-ftuħ ta' dan l-istabiliment.

7.25.5.2 **Timed Parking quddiem tal-Istabilliment tal-Ħobż**

Il-Sindku tkellem ma' sid l-istabillment li jbiegħ il-ħobż dwar li għandu jsir parkeġġ appożitu biex in-nies li jiġu bil-vettura tagħhom, ikunu jistgħu jiġu jipparkjaw f'dan il-parkeġġ li qed jiġi proponut għal ftit ħin sakemm jixtri l-affarijiet li jkollhom bżonn. Is-Sindku ppropona illi dan il-parkeġġ għandu jsir wara l-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' b'skop ta' un/loading bil-ħin limitat.

Il-Kunsill unnimament qabel mas-suġġeriment tas-Sindku u ser issir it-talba lit-Transport Malta.

**7.25.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

Is-Sa Speranza Chircop

7.25.6.1 Is-Sa Chircop orġanizzat ħarġa għall-anżjani u marru l-Peristyle Restaurant, ir-Rabat, Malta. Hija informat li ser torganizza ħarġa oħra għall-irġiel.

7.25.6.2 Fl-24 ta' Ġunju ser tieħu l-anzjani ġewwa Għawdex.

7.25.6.3 Għal rigward il-btala fi Sqallija, s'issa bbukjaw 19 -il persuna.

Is-Sa Maria Sultana

7.25.6.4 Is-Sa Sultana nfurmat li ġiet maħtura President tal-Kunsill Skolastiku.

7.25.6.5 Bħalissa hija qed taħdem fuq il-gradwazzjoni għat-tfal tal-Kinder li ser jitilgħu l-ewwel sena.

7.25.6.6 Is-Sa Sultana qalet li Jum il-Librerija ser isir fis-26 ta' Mejju minflok fit-23 ta' Mejju.

7.25.6.7 Is-Sa Sultana reġgħet fakkret dwar id-dgħajsa li kienet tpoġġiet fl-iskola u u tinsab fi stat ħażin. Is-Sindku qallha li ser jerġa jikteb lill-Fondazzjoni Kottonera, l-Entita' responsabbli mid-dgħajsa.

Is-Sur Vincent Bongailas

7.25.6.8 Is-Sur Bongailas qajjem xi punti dwar fuq iż-żona tax-Xewkija u li ġew diskussi waqt il-Kunsill.

Is-Sur Christopher Bruno

7.25.6.9 Is-Sur Bruno semma' li kien hemm pot hole fi triq partikolari u li ġiet msewwija.

**7.25.7 Punti Ġenerali**

7.25.7.1 Is-Segretarju ppreżenta r-rapport ta' evalwazzjoni għal rigward it-tender għas-servizzi ta-perit u ġie approvat.

**7.25.8** **Mistoqsijiet lis-Sindku**

7.25.8.1 Ma kienx hemm.

**7.25.9** **Mozzjonijiet**

7.25.9.1 Fuq pronoment tas-Sa Speranza Chircop u li ġiet sekondata mis-Sur Vincent Bongailas, il-laqgħa li jmiss ser tibda fit-2.30pm.

Il-Kunsill unanimament qabel mal-proposta tagħhom.

**7.25.10** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda tal-ħlas kienet intbagħtet permezz tal-imejl lil kull Kunsillier din il-ġimgħa biex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jivverifika qabel japprova l-istess pagamenti.

Fuq proposta tas-Sur Christopher Bruno ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti nkluż l-iskeda tal-pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**7.25.11** **Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

Is-seduta ntemmet fl-17.20pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 17 ta' Ġunju 2025, fis-2.30pm. Il-kumplament tal-Kunsill qabel unamimament.

Konfermati, illum 17 ta' Ġunju 2025

**Wayne Aquilina**
**Sindku**

**Etienne Scicluna**
**Segretarju Eżekuttiv**